

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/649**tat-23 ta' Janjar 2018****li jemenda l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 443/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-evoluzzjoni tal-massa tal-karozzi l-ġodda tal-passiġġieri rreġistrati fl-2014, l-2015 u l-2016****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 443/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 li jstabilixxi standards ta' rendiment għall-emissjonijiet minn karozzi ġodda tal-passiġġieri bħala parti mill-approċċ integrat tal-Komunità biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' CO₂ minn vetturi ħfief⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 13(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Il-valur tal-massa medja użat għall-kalkolu tal-emissjonijiet speċifiċi tas-CO₂ għal kull karozza ġdida tal-passiġġieri, irid jiġi aġġustat kull tliet snin biex iqis kull bidla fil-massa medja tal-vetturi l-ġodda rreġistrati fl-Unjoni.
- (2) Mill-monitoraġġ tal-massa tal-vetturi l-ġodda tal-passiġġieri fi stat ta' tħaddim irreġistrati fl-Unjoni fis-snin kalendarji 2014, 2015 u 2016 huwa evidenti li l-massa medja naqset u li ċ-ċifra M₀ imsemmija fil-punt 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 443/2009 għalhekk jenħtieġ li tiġi aġġustata.
- (3) Jenħtieġ li l-valur il-ġdid jiġi ddeterminat billi jitqiesu biss dawk il-valuri li l-manifatturi tal-vetturi kkonċernati setgħu jivverifikaw, filwaqt li jiġu esklużi mill-kalkolu l-valuri li kienu ovvjament żbaljati, (jiġifieri valuri ta' anqas minn 500 kg) kif ukoll il-valuri li jirrelataw mal-vetturi li kienu jaqgħu 'l barra mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 443/2009. Barra minn hekk, il-valur il-ġdid jenħtieġ li jkun ibbażat fuq il-medja ponderata, filwaqt li jitqies l-għadd ta' reġistrazzjonijiet ta' karozzi tal-passiġġieri ġodda fl-Unjoni fis-snin kalendarji 2014, 2015 u 2016.
- (4) Fuq dan l-isfond, il-valur ta' M₀ li jrid jiġi applikat mill-2019 jenħtieġ li jitnaqqas b'12,52 kg minn 1 392,4 għal 1 379,88 kg.
- (5) Għalhekk jenħtieġ li l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 443/2009 jiġi emendat skont dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-Punt 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 443/2009 huwa emendat kif ġej:

- (1) jiddaħħal il-punt (ba) li ġej:

“(ba) Mill-2019 'il quddiem:

$$L\text{-emissjonijiet speċifiċi ta' CO}_2 = 130 + a \times (M - M_0)$$

Fejn:

M = il-massa tal-vettura f'kilogrammi (kg)

M₀ = 1 379,88

a = 0,0457”

- (2) fil-punt (c), iċ-ċifra M
- ₀
- tinbidel b'dan li ġej:

“M₀ = 1 379,88”.*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

⁽¹⁾ ĠUL 140, 5.6.2009, p. 1.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Jannar 2018.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER
